# IL-PARROĊĊA TAGĦNA U L-ĠRAJJA TAS-'SETTE GIUGNO'

**minn P Ġużepp Vella O.F.M.**

Din is-sena qed nfakkru għeluq t-80 Sena mill-ġrajja storika tas-"Sette Giugno". Kienet ġrajja mdemmija u fl-istess ħin glorjuża fl-istorja politika ta' pajjiżna. Din il-ġrajja kienet il-bidu ta' ħajja ġdida għall-poplu tagħna fil-qasam politiku u istituzzjonali.

Il-Parroċċa tagħna, xi ftit jew wisq, hija marbuta ma' din il-ġrajja. Żewġ persuni, wlied il-parroċċa, kienu protagonisti. Wieħed kien membru fil-Kulsill tal-Gvern u l-ieħor kien ħaddiem sempliċi li safa' vittma u meqjus bħala eroj tal-Maltin. Il-Parroċċa kellha x'taqsam ma' din il-ġrajja fis-sens li l-festa titulari kienet qrib ħafna ta' dan l-inkwiet, u għalhekk il-festi esterni ġew imħassra.

L-ewwel persuna, biex ngħidu hekk prominenti, li kien joqgħod fil-limiti tal-parroċċa tagħna huwa n-Nutar Giovanni Gabaretta. Fl-elezzjoni ġenerali li kienet saret għall-Kunsill tal-Gvern f'Ottubru 1917, in-Nutar Gabaretta kkontesta fit-Tieni Distrett (li kienet tagħmel parti minnu Tas-Sliema) u ġie elett. (i) Għalhekk bħala membru fil-Kunsill, meta nqala' l-inkwiet, kien fil-qalba tal-kwistjoni politika mall-Gvern Ingliż. Huwa baqa' membru sakemm intemmet il-kriżi kollha. In-Nutar kien magħruf għall-ġenerożita' tiegħu u kien benefattur kbir tal-knisja tagħna. Fl-1923 inħatar l-Ewwel President tal-Każin tal-Banda "SOCIETA FILARMONICA SLIEMA". (ii)

Il-persuna l-oħra li baqgħet tissemma ħafna kienet waħda mill-erba' vittmi li ċarċru demmhom f'din il-ġrajja politika. Dan kien ħaddiem żagħżugħ li kien joqgħod fl-istess Triq Santa Marija ftit 'il bogħod minn Nutar Giovanni Gabaretta. Kien is-Sur Emmanuele Attard. Kontra dak li kien jingħad, Manwel, kif kien magħruf, ma kienx imwieled Tas-Sliema. Kien Sliemiż fis-sens għax kien joqgħod hawn Tas-Sliema. Mir-reġistru tal-mejtin li għandna fl-Uffiċċju Parrokkjali, nsibu miktub li huwa twieled fil-Belt Valletta. Missieru kien jismu Andrea u ommu Adelaide Zammit. Manwel kien miżżewweġ lil Antonia Micallef. Kienu s-6.15 p.m. meta huwa ġie maqtul minn tiri sparati minn suldat Ingliż. Huwa kellu biss 25 sena. Ġie midfun fl-oqbra komuni taċ-Ċimiterju ta' l-Addolorata. (iii) Ma għandniex tagħrif jekk il-funeral tiegħu sarx fil-knisja parrokkjali tagħna. Kif jaf kulħadd, meta nħadem il-monument tas-Sette Giugno fiċ-Ċimiterju, il-ġisem tiegħu tqiegħed fl-oqbra flimkien mat-tliet vittmi l-oħra.

Mir-reġistru tal-magħmudijiet tal-parroċċa tagħna, joħroġ tagħrif ġdid għal kollox. Dan l-eroj Sliemiż, Manwel Attard, minbarra li ħalla jibku t-telfa tiegħu lill-għażiża martu Antonia, ħalla wkoll tarbija li kellha tara d-dawl tal-ħajja wara mewtu. Infatti, f'dan ir-reġistru nsibu li Antonia, mart il-mejjet Emmanuele (kważi wara xahar), kellha tifel nhar il-5 ta' Lulju, 1919. Dakinhar kien lejlet il-Festa Titulari. It-tarbija ġiet mgħammda fit-13 ta' Lulju mill-Viċi-Parroku r-Rev Patri Ġwakkin Demicoli O.F.M. It-tifel ġie mogħti l-isem ta' Emmanuele għal missieru. Ismijiet oħra li tawh kienu: Vittorio, Rosario, Alessandro, Raffaele u Francesco. F'dan ir-reġistru jidher ukoll l-indirizz fejn kien joqgħod Manwel Attard u martu li fih twildilhom it-tarbija. In-numru tad-dar kien 37, Triq Santa Marija. (iv)

## IL-FESTA TITULARI

Kif ħafna jafu, l-knisja tagħna saret Parroċċa nhar id-29 ta' Settembru 1918. Għalhekk mill-ewwel twaqqaf Kumitat apposta sabiex jibda jħejji ħalli l-Festa Titulari ta' l-1919 tiġi ċċelebrata Sollennita' aktar mis-soltu. Ir-raġuni kienet li l-festa ta' dik is-sena kellha tkun l-ewwel waħda

bħala Parroċċa. Dawn il-festi ġew imħabbra f'gazzetta lokali li kitbet hekk, "che la festa sia celebrata tanto esternamente quanto internamente con la massima pompa". Il-festa kellha ssir nhar is-6 ta' Lulju. (v)




Il-kronaka tal-Parroċċa tagħtina aktar dettalji dwar il-festa ta' din is-sena. Il-preparamenti li saru kienu kbar imma kollox kellu jtir mar-riħ. Dan ġara minħabba li ma' Malta kollha ġie ordnat Luttu Nazzjonali b'rispett għall-vittmi eroj tal-ġurnata storika tax-xahar li għadda. Aktar minn hekk il-poplu ġie mħeġġeġ sabiex ma jorganizzax festi esterni reliġjużi, jew jiġu sospiżi, bħala protesta nazzjonali. Minħabba dawn id-direttivi, u anke minħabba t-tensjoni qawwija fil-poplu, ma nġabrux flus biżżejjed. Il-Kumitat kien kostrett li jitħassru l-festi ta' barra kollha. Il-funzjonijiet reliġjużi fil-knisja saru b'sollenita' akbar mis-soltu. Il-purċissjoni bil-vara tal-Madonna bdiet ħierġa fl-4.30 p.m. Il-vara ntlaqgħet fil-bieb tal-knisja bl-Innu Popolari "Viva Viva la Signora", kantat minn grupp ta' 50 tifel u tifla. Il-purċissjoni kienet "imponente e devotissima". Triq Prince of Wales (illum Triq Manwel Dimech) "presentava il piu' bel punto di vista". Il-festa għalqet bid-daqq ta' l-Antifona u l-Barka Sagramentali. (vi) Il-kronaka ma tgħidilna xejn dwar l-armar tat-toroq, imma wieħed jista' jikkonkludi, li minħabba l-qagħda mwegħra, t-toroq ma ġewx imżejna. Il-fatt li l-purċissjoni (fis-Sajf), ħarġet daqshekk kmieni, juri li kienet deċijoni sabiex kollox jintemm qabel jidlam.

Kien xieraq li din is-sena niftakru f'din il-ġrajja Nazzjonali. L-istorja riedet li l-Parroċċa tagħna tkun marbuta daqshekk mill-qrib, ma' din il-ġrajja storika u traġika. Kien xieraq ukoll li dan il-ftit ħjiel ġdid joħroġ għad-dawl ta' l-istorja ta' pajjiżna.

Referenzi

(i) Michael J Schiavone - Elezzjonijiet f'Malta 1849 - 1992 p.46
(ii) Winston L Zammit, Patri Raniero Zammit O.F.M. Cap - Societa Filarmonika "Sliema" 1923 - 1993 p.10
(iii) Uffiċċju Parrokkjali Liber mort. Vol I p.140 Nru 118
(iv) Uffiċċju Parrokkjali Liber Bapt. Vol I p. 104 Nru 207
(v) Malta l-7-1919
(vi) Piccola Cronaca della Parrocchia di Nostra Signora dalla sua erezione p 14 - 16